**7 ta' Awissu, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Josephine mart Charles Santucci, kif debitament awtorizzata b'digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, f'isimha proprju u bħala kuratriċi *"ad litem"* ta' binha minuri Eric James Santucci, kif debitament ikkonfermata b'digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Jannar, 1975

*versus*

Charles *sive* Carmelo Santucci

## Nota ta' l-Eċċezzjonijiet Ulterjuri – Jekk Hemmx Bżonn Dikjarazzjoni Magħha

*Mid-diversi subartikoli ta' l-artikolu 158, ir-rekwiżiti kollha ta' forma u termini stabbiliti għall-preżentazzjoni tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet jirreferi għan-nota ta' l-eċċezzjonijiet oriġinali. Għal dik ulterjuri japplika biss is-subartikolu 10 li jistabbilixxi li r-rinunzja jew iż-żieda trid tkun b'nota u l-istadju li fih tkun għad tista' tiġi ppreżentata nota bħal din, però ma jipprovdi għal xejn aktar.*

Il-Qorti: –

Dan hu appell minn provvediment interimali li l-Ewwel Onorabbli Qorti, ċjoè l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat fil-kawża fl-ismijiet premessi;

Fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 1985 quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti l-konvenut ippreżenta nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri (fol. 272);

F'dik l-istetss seduta l-attriċi *proprio et nomine tramite* d-difensur tagħha talbet l-isfilz ta' l-istess nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri billi sostniet illi l-istess ma kinitx akkompanjata bid-dikjarazzjoni u l-elenku tax-xhieda kif titlob il-liġi;

Fis-seduta tad-29 ta' Marzu, 1985, l-Ewwel Qorti tat il-provvediment li issa hemm dan l-appell minnu u li permezz tiegħu ċaħdet it-talba għall-isfilz tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija u ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni u dan wara li:

"Rat l-artikolu 158(4) u (5) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, fejn jingħad li l-konvenut għandu, man-nota ta' l-eċċezzjonijiet, jippreżenta dikjarazzjoni li għandha tkun ikkonfermata

b'ġurament flimkien ma' nota bl-ismijiet tax-xhieda''; u kkunsidrat inoltre illi:

''Huwa ċar li dan l-obbligu jirreferi biss għan-nota ta' l-eċċezzjonijiet u lista ta' xhieda li l-konvenut għandu jagħmel fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni biex juri li qed jopponi t-talba attriċi u li mhux bi ħsiebu jammettieha'';

L-attriċi *proprio et nomine* interponiet appell minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors ippreżentat fit-2 ta' April, 1985 u li bih talbiet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka ''d-digriet'' appellat u minflok tordna l-isfilz tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri ppreżentata mill-konvenut fid-9 ta' Jannar, 1985, billi din m'għandhiex ir-rekwiżiti li trid espressament il-liġi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi rigwardanti dan l-inċident kontra l-konvenut appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi minn eżami ta' l-artikolu 158 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kemm kif inhu llum kif ukoll qabel ma ġie emendat fl-1983, fl-1980 u fl-1979 jidher li d-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda huma rikjesti biss fil-każ tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet li biha tiġi kkontestata l-kawża. L-artikolu rilevanti fil-każ in diżamina hu s-subartikolu (10) ta' l-istess artikolu 158 imsemmi li jipprovdi li n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tista', wara li jinġiebu l-provi ta' l-attur u qabel ma l-konvenut iġib il-provi tiegħu, tiġi emendata b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet kemm b'żieda

ta' eċċezzjonijiet oħra, bla ħsara għal dawk l-eċċezzjonijiet li jinqalgħu f'kull stadju tal-kawża. Jidher li dak li hu rilevanti hu li n-nota ta' l-eċċezzjonijiet oriġinali tkun skond il-liġi u li sussegwentement minnha jista' jsir tnaqqis u fuqha tista' ssir żieda però bl-ebda formalità speċjali ħlief li r-rinunzja jew iż-żieda trid issir b'nota. Fil-fehma tal-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 158(10) kull żieda jew tnaqqis ta' eċċezzjonijiet hu merament amendament tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet oriġinali li tkun ġà akkompanjata bid-dikjarazzjoni u għalhekk ma jkun jonqosha xejn aktar biex ma tiġix riċevuta u kkunsidrata. Hu evidenti mid-diversi sub-artikoli ta' l-artikolu 158 li r-rekwiżiti kollha ta' forma u termini stabbiliti għall-preżentata tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet jirreferi għan-nota ta' l-eċċezzjonijeit oriġinali. Għal dik ulterjuri japplika biss is-subartikolu (10) li jistabbilixxi biss li r-rinunzja jew iż-żieda trid tkun b'nota u l-istadju li fih tkun għad tista' tiġi ppreżentata nota bħal din, però ma jipprovdi għal xejn aktar;

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk tiċħad l-appell u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu a kariku ta' l-attriċi *proprio et nomine* appellanti. Tordna li l-atti jiġu rinvjati lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.